Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 52/2012

**Gaetano Micallef**

**vs**

**Foster Clarks Products Limited (C - 803)**

Il-Gimgha, 29 ta' Jannar 2016.

Permezz ta' rikors datat 7 ta' Mejju 2010 ir-rikorrent ippremetta illi huwa kien impjegat bhala *Factory Manager* fuq kuntratt indefinit mas-socjeta' ntimata u dan sa minn Marzu 2003. Fl-4 ta' Frar 2010 huwa kellu l-impjieg tieghu ingustament terminat wara li gie allegat li ta ordni biex jintrema' xi materjal minghajr ma kien segwa l-procedura nterna stabbilita mill-principal. Talab lit-Tribunal jiddikjara li sehhet tkeccija ngusta fil-konfront tieghu u jillikwida somma bhala danni ghal tali tkeccija.

Fir-risposta taghha s-socjeta' ntimata rribattiet li r-rikorrent dejjem wera nuqqasijiet kbar fil-mod kif kien imexxi lill-impjegati u li t-tkeccija tieghu kienet wahda gusta wara li unilateralment u minghajr ma ha permess ta struzzjonijiet lill-haddiema biex jarmu kwantita' ta' "99-Diameter rings".

B'decizjoni datata 20 ta' Novembru 2012 it-Tribunal laqa' t-talbiet tar-rikorrent, u ddecieda li ma kienx hemm raguni valida li jittiehdu passi dixxiplinarji kontrih u ghaldaqstant it-terminazzjoni tal-impjieg ma kinitx gusta u saret bi ksur tal-ligi. It-Tribunal iddecieda wkoll li filwaqt li l-impjieg tar-rikorrent ma kellux jerga' jigi moghti lura l-impieg, is-socjeta' ntimata giet ikkundannata thallsu kumpens ta' tmint elef u hames mitt ewro (Eur8,500) pagabbli fi zmien xahar mid-data tad-decizjoni. Dan wara li kkunsidra li:

i. Kienet zviluppat certa animosita' bejn ir-rikorrent u s-socjeta' ntimata;
ii. Minkejja li eventwalment kien gie *demoted* ghal Assistant Factory Manager xorta zamm lealta' lejn ix-xoghol u lejn il-kumpanija partikolarment meta accetta li jwettaq il-funzjonijiet ta' *Factory Manager* minkejja li ma kienx ghadu jokkupa dik il-kariga u dan sakemm dik il-pozizzjoni kienet vakanti;
iii. Il-kaz li wassal ghat-tkeccija tar-rikorrent mill-impjieg hemm xhieda konflingenti dwaru partikolarment dwar jekk kienx hemm il-kunsens tal-*Factory Manager* biex ir-*rings* jigu mormija;

iv. Fic-cirkustanzi, tenut kont li r-rikorrent kien jaqsam l-istess ufficcju mal-*Factory Manager* li kien *hands on* fit-tmexxija tal-fabbrika, gie meqjus li kien impossibli li dawn l-oggetti jintremew minghajr ma' l-*Factory Manager* ikun jaf x'qed jigri;

v. Dawn l-oggetti ma setghux jigu mormija bil-habi kif pruvat tallega s-socjeta' ntimata u dan ghal raguni li r-rikorrent kien jiddependi minn terzi bex dawn jintremew, kif ukoll li l-istess rikorrent, li kien ilu jahdem fil-fabbrika ghal bosta snin kien jaf ukoll li jezistu CCTV Cameras li jirrekordjaw dak li jkun qed isir;

vi. In vista ta' dan it-Tribunal qies li r-rimi tar-*rings* sar bil-kunsens tal-Factory Manager;

vii. Hemm validita' fix-xhieda tar-rikorrent li jghid li huwa ma kienx responsabbli li tigi segwita l-procedura nterna stante li l-formoli rilevanti kellhom jimtlew mill-*Factory Manager* li kien responsabbli ghal dak id-Dipartiment.

Is-socjeta' ntimata appellat mid-decizjoni tat-Tribunal u r-rikorrent wiegeb.

Waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2015, dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom. L-appell gie trattat u thalla ghas-sentenza.

**<u>L-ewwel aggravju .</u>**

Is-socjeta' appellanti ssollevat in-nullita' tad-decizjoni tat-Tribunal stante li din tmur kontra l-provvedimenti tal-Artikolu 78 (1) tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta), li jipprovdi:

*"It-Tribunal għandu jiddeċiedi l-kwistjoni mibgħuta lilu fi żmien perjodu li ma jkunx iktar minn xahar mid-data ta' meta l- kwistjoni tkun intbagħtet, sakemm fil-fehma taċ-chairperson ma jkunx meħtieġ żmien itwal għal raġuni valida li għandha tiġi msemmija u reġistrata fil-proċeduri tat-Tribunal".*

Il-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali dam tletin (30) xahar u fl-atti c-Chairman ma rregistrax ghalfejn. Hu car li l-legislatur ipprovda ghall-possibilita' li kaz ikun jehtieg aktar zmien biex jinstema' u jigi deciz. Ghalkemm l-Artikolu 78 (1) tal-ligi jezigi tassattivament li din ir-raguni valida ghandha tigi registrata fil-proceduri tat-Tribunal, ma giet imposta ebda sanzjoni specifika jekk dak previst fl-Artikolu 78 (1) ma jsehhx. In-nullita' tas-sentenza ghalhekk m'hijiex prevista bhala konsegwenza awtomatika ghal dan in-nuqqas kif qed jippretendu l-appellanti.

F'kull kaz mill-atti hu evidenti li dan ma kienx kaz li seta' jinstema' u jigi deciz fi zmien xahar. Jirrizulta li saru ghaxar seduti li fihom tressqu numru ta' xhieda u gew prezentati ghadd ta' dokumenti. Differiment intalab darba biss mir-rikorrent u dan ma kienx oppost. Mill-bqija kif jirrizulta mill-verbali, is-seduti gew iffissati fil-prezenza tal-partijiet u bi qbil maghhom. Ma jirrizultax li fil-kors tal-prosediment is-socjeta' appellanti kienet qeghda tilmenta dwar iz-zmien li kien qieghed jiehu biex jingabru l-provi.

Ghalhekk dan l-aggravju hu michud.

**<u>It-tieni aggravju</u>.**

Is-socjeta' appellanti bdiet tilmenta li kawza tal-fatt li c-*Chairperson* ma segwiex dak li jipprovdi l-Artikolu 78 (1) tal-Kap.452 kif ukoll minhabba dewmien bla raguni valida wassal sabiex l-apprezzament tal-provi *da parte* tat-Tribunal kien parzjali hafna favur l-appellat, minkejja li fil-fehma taghha l-istess socjeta' appellanti ressqet provi ta' valur probatorju aqwa mill-provi mressqa mill-appellat, u dan bi ksur ta' principju bazilari dwar il-prova.

Dan l-ilment hu fieragh. M'hemm l-ebda konnessjoni bejn iz-zmien li dam pendenti l-kaz u l-mod kif sar l-apprezzament tal-provi. Ghall-qorti hu car li dan l-ilment hu ntiz biss biex l-appellanti tipprova tohloq bazi ta' appell meqjus li f'dawn it-tip ta' kazijiet, appell jista' jsir biss fuq punt ta' dritt.

L-appellanti lmentat li t-Tribunal *"... injora totalment il-verzjoni tal-kumpannija appellanti u anke ma kkunsidrax certu provi mressqa minnha, li oggettivament kellhom valur probatorju aqwa minn dak li ressaq l-appellat, it-Tribunal kiser principji bazilari dwar il-prova, u ghalhekk dan huwa punt ta' dritt"*.

Fil-fehma tal-qorti din id-dikjarazzjoni mhi xejn ghajr stedina biex din il-qorti terga' taghmel apprezzament tal-provi li nstemghux quddiem it-Tribunal. Fit-twegiba li l-appellanti pprezentat quddiem it-Tribunal, qalet:-

*"…. l-appellant tkecca mill-impieg tieghu minhabba 'l fatt li kif ser jigi spjegat u ppruvat waqt is-smiegh tal-kaz, l-appellant ta struzzjonijiet lill-impjegati li kienu jahdmu fil-Can Factory biex jarmu kwantita ta' 99 Diameter rings tad-deheb u tal-fidda biex jghatti nuqqas ta' l-appellant stess,* ***u cioe' li flok ha permess biex jintremew kwantita kbira ta' 99-Diameter rings min ghand is-superjuri tieghu, ghazel li jiehu decizjoni unilaterali kontra l-procedura interna tal-kumpannija*** *billi ta ordnijiet biex jintremew dawn il-99-Diameter rings"*.

Li kien rilevanti ghall-ezitu tal-kaz kien jekk:-

i. kienx minnu li l-appellat ta ordni biex jintremew xi affarijiet minghajr ma rrefera ghand is-superjuri tieghu. Wara kollox fit-twegiba stess l-appellanti ddikjarat li l-appellat tkecca ghaliex ta ordni li jintremew oggetti minghajr il-permess tas-superjuri teighu.
ii. fl-affermattiv jekk it-tkeccija kinitx gusta.

L-appellanti tippretendi li kellha provi ferm iktar b'sahhithom minn dawk li ressaq l-appellat u l-

verzjoni taghha kienet il-verita. Pero' l-kawzi ma jigux decizi bl-ammont ta' xhieda li parti tressaq. L-appellanti tidher li tinsa li l-oneru tal-prova kien fuqha. Hi kellha d-dmir taghti prova li t-tkeccija tar-rikorrent kienet gustifikata. Hu minnu li:-

i. Joseph Borg, is-superjur tar-rikorrent, cahad li ta struzzjonijiet jew li xi darba ddiskuta mar-rikorrent dwar ir-rimi tal-oggetti (ara affidavit).
ii. F'ittra datata 2 ta' Frar 2010 ir-rikorrent skuza ruhu tal-inkonvenjenza li kkawza u qal li jaf li ghamel hazin. Pero' fl-ittra qal ukoll ***"I informed my direct superior, about my intentions"***. L-istess kien qal fil-process ta' dixxiplina.
iii. L-appellanti pprezentat affidavits ta' mpjegati li qalu li l-ordni nghatat mill-appellat sabiex jintremew l-oggetti. Pero' dan qatt ma kien kontestat.
iv. Joseph Spiteri, impjegat tal-appellanti, xehed li r-rikorrent kien qallu *"Ehlisni minnhom, dawk irrid indewwibhom"*. L-appellanti tirreferi ghal dawn il-kliem bhala prova li r-rikorrent ried jiehu xi gwadann personali u ghalhekk ma kienx ser ighid lil Joseph Borg b'dak li kien ser jaghmel. F'dan il-kuntest ukoll ghamlet riferenza ghall-*video recording*. Pero' jekk verament ir-rikorrent kellu skop ulterjuri meta ta l-ordni biex jintremew l-oggetti, ma kienx ser imur jikxef idu ma' mpjegati ohra u meta kien jaf li fil-post kien hemm cameras tas-sigurta.

Pero b'dawn il-provi ma jfissirx li l-verzjoni tal-appellanti hi iktar kredibbli minn dik tal-appellat, li dejjem sahaq li s-superjur tieghu kien jaf b'kollox. Min-naha tat-Tribunal, fis-sentenza qal:

*"It-Tribunal Industrijali jikkunsidra l-kaz li wassal ghat-terminazzjoni ta' l-Impieg u jinnota li hemm xhieda konfliggenti fir-rigward jekk kien hemm il-kunsens tal-factory manager, biex ir-rings involut jigu mormija. Fic-cirkostanzi it-Tribunal Industrijali jikkunsidra dawn l-aspetti li, ir-rikorrent kien jaqsam l-istess ufficcju tal-Factory Manager u liema Factory Manager kien hands on fit-tmexxija tal-fabbrika u ghaldaqstant, jikkunsidra li hija mpossibbli li jintremew oggetti minghajr mal-Factory Manager ma jkunx jaf x'qed jigri. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li dawn l-oggetti ma setghux jigu mormija bil-habi kif ippruvat tallega s-socjeta, u dan ghal raguni li r-rikorrent kien jiddependi minn terzi persuni biex dawn jintremew, kif ukoll li l-istess rikorrent li ilu jahdem ghal hafna snin f'dan il-post tax-xoghol jaf ukoll, li jezistu CCTV cameras li jirrikordjaw dak kollu li jkun qed isir. In vista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jikkunsidra li d-decizjoni li jintremew dawn ir-rings kellha l-kunsens tal-factory manager".*

M'hemmx dubju li t-Tribunal ghamel evalwazzjoni tal-provi u wasal ghal konkluzjoni tieghu. It-Tribunal kellu kull dritt li jikkonkludi li l-appellat qal il-verita' mehud in konsiderazzjoni li kollox sar bil-miftuh. Il-qorti rat il-provi li ngabru u ma tistax tikkonkludi li l-unika decizjoni li t-Tribunal seta' jiehu kienet li jaddotta l-tezi tal-appellanti. F'dan il-kamp, appell fuq punt ta' fatt mhux possibbli. Kif qalet din il-qorti fil-kaz **A.B. vs Il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud** (Kaz numru 107, 6 ta' Ottubru 2004):

*"…. din il-Qorti ma tarax kif wiehed jista' jikkwalifika bhala punt ta' ligi l-mod kif il-Bord ghamel*

*l-ezami komparattiv tal-provi u tas-sottomissjonijiet li sarulu mill-partijiet. Il-Bord ghamel sempliciment apprezzament fattwali li, kif gja espress, kien jirrientra fl-attribuzzjonijiet rizervati lilu mil-ligi. Kien biss fuq dan l-istess apprezzament li, mbaghad, wasal ghall-konkluzjoni li jaccetta l-prova stabbilita mill-appellat".*

Il-piz probatorju li jinghataw il-provi li jressqu l-partijiet, hi materja ghat-Tribunal Industrijali. Meqjus dan ukoll, l-appell tal-appellanti ma jistax jirnexxi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti.**

Anthony Ellul